**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 355/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Shamison Stafrace**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Shamison Stafrace**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 212197(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-15 ta' Mejju 2016 bejn 13:32hrs u 16:19hrs ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ċioè ġewwa ajruplan tar-Rynair FR 9875:

1. ikkommetta serq ta' *mobile* tal-għamla Blackberry u diversi flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur u li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija, u disgħa u għoxrin Euro u

sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' diversi persuni mhux magħrufa.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Lulju 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c)(d), 267, 268(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u b'applikazzjoni ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta poġġietu taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tmintax il-xahar bil-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħti kontestwalment mas-sentenza nkluż dik li jindirizza kwalunkwe problema relatata mat-teħid ta' drogi. Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar. Il-Qorti ordnat notifika tas-sentenza lid-Direttur ta' l-Uffiċju tal-*Probation*.

Rat illi fl-14 ta' Novembru 2017 l-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler ippreżentat Rikors (*a fol.* 36) ta' denunzja *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fiha nforma lill-Qorti li Shamison Stafrace:

- ma kienx qed iżomm kuntatt regolari miegħu u b'konsegwenza ta' dan ma kienx possibbli illi ssir superviżjoni adegwata fuqu; u

- naqas milli jżomm mal-pjan ta' kura mfassal għalih mill-professjonisti nvoluti mas-Sedqa u *Embark for Life* sabiex huwa jieqaf jabbuża mid-droga kannabis, kif ukoll sabiex isib impieg regolarizzat u jagħti kontribut lejn is-soċjeta'.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju 2018, fejn il-Qorti, wara li rat

Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati li naqas li jħares il-kondizzjonijiet tal-Ordni tal-*Probation* mogħti fil-konfront tiegħu fl-20 ta' Lulju 2016 u kkundannatu jħallas multa ta' mitt Euro (€100) u dan mingħajr preġudizzju għaż-żamma fis-seħħ tal-Ordni tal-*Probation* li kien diġa' mogħti li pero' ġie estiż għal perjodu massimu ta' tliet (3) snin altrimenti bl-istess kondizzjonijiet.

Rat illi fl-10 ta' Awwissu 2018 l-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler ippreżentat Rikors (*a fol.* 52) ta' denunzja *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fiha nforma lill-Qorti li Shamison Stafrace:

- ma kienx qed iżomm kuntatt regolari miegħu u b'konsegwenza ta' dan ma kienx possibbli illi ssir superviżjoni adegwata fuqu;

- kien qed jabbuża mid-droga kannabis hekk kif kien jirriżulta minn kampjuni tal-urina u kif sostna huwa stess ġewwa l-Uffiċju tal-*Probation* u *Parole* sakemm qata' kull kuntatt, fejn fl-aħħar sessjoni li attenda u ċioè dik tas-6 ta' Ġunju 2018 huwa kien ammetta li kien abbuża anke mill-kokajina;

- naqas milli jżomm mal-pjan ta' kura mfassal għalih mill-professjonisti nvoluti mas-Sedqa sabiex huwa jieqaf jabbuża mid-droga kannabis u kokajina permezz ta' programm residenzjali; u

- naqas li jżomm kuntatt mas-*social worker* tiegħu ġewwa l-Aċċess fi ħdan l-Appoġġ fejn kellu l-benefiċċju li jieħu assistenza f'dawk l-affarijiet li jirrigwardaw impieg u aspetti problematiċi personali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Awwissu 2018 fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati li naqas li jħares il-kondizzjonijiet tal-Ordni ta'

*Probation* mogħti fl-20 ta' Lulju 2016 fil-konfront tiegħu u b'hekk il-Qorti għażlet li tittratta miegħu għal dak ir-reat li tiegħu kien instab ħati daqs li kieku kien għadu kemm instab ħati u kkundannatu sittax-il xahar priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***<u>TĦASSAR u TIRREVOKA</u>*** *s-sentenza appellata fid-dawl tad-difett riskontrat,* ***<u>TIDDIKJARAHA</u>*** *għalhekk nulla u bla effett u* ***<u>TIRRIMETTI</u>*** *l-atti lura, sabiex l-appellant ma jkunx privat mill-benefiċċju tad-doppio esame;* ***<u>TIRRIFORMA</u>*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi sentenza aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023, dak li kellhom xi jgħidu l-konsulenti legali fl-Awla.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Awwissu 2018 in segwitu ta' denunzja magħmula mill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler fl-10 ta' Awwissu 2018.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn. L-appellant kien ammetta li seraq *mobile* tal-għamla Blackberry u diversi flus kontanti għad-detriment ta' persuni mhux magħrufa. Huwa kien tpoġġa taħt Ordni ta' *Probation* għal tmintax-il xahar. Wara kien hemm denunzja kontra l-appellant u l-Qorti kkundannatu jħallas ammenda ta' mitt Euro (€100) u żammet fis-seħħ l-Ordni ta' *Probation* li kien diġà ngħata li pero' ġie estiż għal perjodu ta' tliet (3) snin. Wara denunzja oħra l-appellant ġie kkundannat sittax-il xahar priġunerija peress li l-Ewwel Qorti għażlet li titratta miegħu għal dak ir-reat li tiegħu kien instab ħati daqs li kieku kien għadu kemm jinstab ħati.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla u bla effett. Jargumenta li fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ma għamlitx riferenza għas-sentenza tat-2 ta' Mejju 2018 fejn estendiet it-terminu tal-Ordni ta' *Probation* iżda għamlet riferenza biss għas-sentenza oriġinali tal-20 ta' Lulju 2016.

Illi rigward dan l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li ma qed tirraviża ebda nullita' tas-sentenza appellata *ossia* dik tas-27 ta' Awwissu 2018. Jirriżulta li f'din is-sentenza msemmija, l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għall-Artikolu li jemerġi minn Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu ġie miksur. Apparti minn dan, l-Ewwel Qorti għamlet riferenza wkoll għall-Ordni ta' *Probation* tal-20 ta' Lulju 2016 (u ċioè l-Ordni ta' *Probation* oriġinali t-terminu ta' liema eventwalment ġie estiż). Minn dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li hemm xi nullita' fis-sentenza appellata u għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jisħaq li huwa għaddej minn problemi serji tad-droga u li piena ta' priġunerija ma kinitx ser tgħinu. Jgħid li kien minħabba din il-problema li huwa ma baqax iżomm kuntatt mal-Uffiċjal tal-*Probation*. Jargumenta li perjodu qasir ħażin ma' għandux jarmi t-tajjeb li jkun sar. Jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi fejn il-Qorti biddlet sentenzi ta' priġunerija u tat ċans ieħor.

Illi dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Din il-Qorti diversament semgħet żewġ xhieda *ossia* lill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler u lil Raymond Camilleri u dana sar wara talba tal-appellant, liema talba ma kinitx opposta mill-Avukat Ġenerali:

    - **Raymond Camilleri** (*a fol.* 96 *et seq.*) xehed fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2021 fejn qal li l-appellant kien qed jaħdem miegħu u li hu (l-appellant) kien integra mal-ħaddiema l-oħra minn meta beda jaħdem miegħu u li kien ilu hemm sitt xhur. Jgħid li l-appellant kien ġentlom biżżejjed u kien wrieh (lil Raymond Camilleri) bil-problema li kellu.

    - **L-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler** (*a fol.* 98 *et seq.*) xehed fl-istess seduta li xehed fiha Raymond Camilleri. L-Uffiċjal tal-*Probation* qal li l-appellant kellu diversi problemi fosthom in-nuqqas ta' motivazzjoni għal aktar stabbilita' fil-ħajja. Jgħid li t-*turning point* fil-ħajja tal-appellant sar f'Awwissu 2019 meta daħal isegwi programm residenzjali fejn għamel progress notevoli. Xehed li l-appellant kien qed jaħdem u kien indipendenti u kien qed iżomm kuntatt regolari miegħu (mal-Uffiċjal tal-*Probation*. Jgħid li kien hemm Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni li kienet attiva.

- Din il-Qorti diversament reġgħet semgħet lill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler u semgħet ukoll lil Tyrone Burke:

    - **L-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler** (*a fol.* 114 *et seq.*) xehed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2022 fejn qal li kienu saru sessjonijiet mal-appellant u seta' jinnota illi huwa beda jagħmel sforz notevoli sabiex ix-xogħol li kien sar mal-professjonisti ġewwa l-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi jkun jista' jkompli jaħdem fuqu u jikkonsolidah ladarba kien lura parti mis-soċjeta'.

    - **Tyrone Burke** (*a fol.* 117 *et seq.*) iddeskriva lill-appellant bħala diliġenti ħafna u li kien kommess li jagħmel xogħlu sew. Jgħid hekk: *"It's quite hard on himself when he gets something wrong, you know, and I generally get the ... that he is remorsed for his past."*

- Din il-Qorti kif preseduta laqgħet talba tal-appellant sabiex jiġi mħejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tiegħu, liema rapport ġie ppreżentat fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023 fejn il-Qorti semgħet lill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler jixhed. Fis-*Social Inquiry Report* (Dok. "MFS 1") redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* imsemmi jingħad, fost l-oħrajn, hekk:

> "Wara perjodu ta' stabbilita', l-appellant reġa' beda juri sinjali ta' rigress u minn Lulju 2021 sa April 2022 huwa nżamm taħt arrest ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin minħabba illi ma segwiex il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-perjodu, Stafrace ħadem mal-professjonisti fil-ħabs sabiex jerġa' jindirizza ħajtu lejn it-triq it-tajba.
>
> Fiż-żmien li fih kien taħt Supervizjoni fil-perjodu li segwa April 2022, Shamison Stafrace dejjem żamm kuntatt regolari mas-sottoskritt u ġab ruħu b'mod

> eżemplari, fejn huwa ta prova illi kien qiegħed jgħix ħajja ta' struttura u stabbilita'."

Illi din il-Qorti kkunsidrat dak li ġie mismugħ minn din il-Qorti, kemm dik diversament preseduta u kif ukoll dik preseduta, u kkunsidrat ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-appellant mill-Uffiċjal tal-*Probation*. Apparti minn dan, din il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tal-fatt li fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2023 ġie verbalizzat is-segwenti quddiemha:

> "Il-konsulenti legali tal-partijiet [...] infurmaw lill-Qorti li ma hemmx oġġezzjoni da parti tal-Avukat Ġenerali illi f'każ illi din il-Qorti ser tvarja l-piena fil-konfront tal-appellant, li din ma tkunx waħda ta' priġunerija effettiva."

Illi tenut kont ta' dan kollu u minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti l-**<u>aħħar ċans</u>** lill-appellant sabiex ikompli mixi fit-triq it-tajba li jidher li mixi fiha. Għaldaqstant it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ u b'hekk din il-Qorti ser tvarja l-piena ta' priġunerija effettiva mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant għal waħda ta' priġunerija t-terminu ta' liema ser ikun sospiż b'dan illi l-appellant ser jitpoġġa taħt Ordni ta' Superviżjoni.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Adrian Montanaro** (Numru 453/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Naturalment din il-Qorti ma tistax timminimizza r-reat in kwistjoni. Huwa veru li s-sentenza ta' priġunerija ġiet sospiża iżda, bħalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, *"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, a let off jew sempliċement a slap on the hand. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu*

*operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.""*

Illi l-appellant qed jingħata din l-opportunita' tad-deheb sabiex jevita li jiġi mibgħut jiskonta piena fil-ħabs b'dan illi huwa għandu jagħmel dak kollu neċessarju sabiex jevita li jiġi mibgħut il-ħabs.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Shamison Strafrace fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata (ċioè dik mogħtija fis-27 ta' Awwissu 2018) billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati li naqas li jħares il-kondizzjonijiet tal-Ordni ta' *Probation* mogħti fl-20 ta' Lulju 2016 u fejn għażlet li titratta miegħu għal dak ir-reat li tiegħu kien instab ħati;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sittax-il xahar priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellant għall-perjodu ta' sittax-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum u *ai termini* ta' Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li jinħareġ Ordni ta' Superviżjoni fil-konfront tal-appellant li għandu jibqa' fis-seħħ għal sittax (16)-il xahar millum.

Il-Qorti qed twissi lill-appellant dwar il-konsegwenzi li jkun hemm: (a) jekk iwettaq xi reat fi żmien tliet (3) snin millum u (b) jekk jikser xi waħda mill-kondizzjonijiet imsemmija fl-Ordni ta' Superviżjoni.

Il-Qorti tissollecita lill-appellant sabiex jimxi mad-direzzjonijiet kollha li jingħatawlu għaliex dawn id-direttivi **BISS** jistgħu jikkonsolidaw il-progress u jbegħduh mill-vizzji ħżiena. L-appellant għandu jiftakar li issa ngħata ċansijiet biżżejjed u għalhekk irid jiżgura li l-progress li beda jkompli jissaħħaħ.

Finalment, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mibgħuta lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

___________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

___________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**